Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CAROL PERALTA

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2003

Numru 2/2003

**PULIZIJA**
**SPETTUR JOSRIC MIFSUD**

**VS**

**RASHID OUBLAK**

**Illum 27 ta' Jannar 2003.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Rashid Oublak ta’ 29 sena, bin Ahmed u Fatma nee’ Fax, imwieled Marokk, nhar it-23 ta’ Ottubru 1973, residenti fil-fond numru 7, Joseph Flats, Triq il-Hgejjeg, Bugibba, detentur tal-Passaport Libjan numru 606145;

Talli f’dawn il-Gzejjer, nhar it-2 ta’ Jannar, 2003, u tlett xhur ta’ qabel go Bugibba, u fi bnadi ohra f’Malta, f’hinijiet differenti:

a) Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta’ l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Wara illi rat ir-Regolament 8 tar-regoli ta’ l-1939 (G.N. 292/1939) ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ta’ l-imputat, ma’ thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti, hlief li ssibu hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni.

Ghaldaqstant, din il-Qorti, qeghda tilliberah bil-kondizzjoni li ma’ jikkommettix reat iehor fiz-zmien tmintax-il-xahar (18) mil-lum, a tenur ta’ l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152.

Din il-Qorti qeghda tordna d-distruzzjoni tas-siringa prezentata mill-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------